

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Jonathan Pilato

Konvenut: Jean-Claude Bourgault

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Prud'homme de pêche de Martigues (Franza) — Interpretazzjoni ta' l-Artikolu 11a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, tad-29 ta' April 1997, li jippreskrivi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd (ĠU L 132, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1239/98, tat-8 ta' Ġunju 1998 (ĠU L 171, P. 1) — Definizzjoni tal-kunċett ta' "pariti" — Inklużjoni tat-"thonaille"? — L-għan ambjentali tal-miżura ta' projbizzjoni prevista fl-artikolu msemmi — Validità ta' din id-dispożizzjoni fid-dawl, b'mod partikolari, tal-bażi legali li fuqha kienet ġiet adottata

Dispożittiv

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej manifestament m'għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi li sarulha mill-Prud'homme de pêche de Martigues permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Diċembru 2006.

(¹) ĠU C 95, 28.4.2007.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-16 ta' April 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Superior de Justicia de Canarias — Spanja) — Club Náutico de Gran Canaria vs Comunidad Autónoma de Canarias

(Kawża C-186/07) (¹)

(Talba għal deċiżjoni preliminari — Sitt Direttiva tal-VAT — Eżenzjonijiet — Servizzi li għandhom rabta mal-prattika ta' l-isport jew ta' l-edukazzjoni fiżika — Applikazzjoni għall-Gżejjer Kanarji — Sitwazzjoni purament nazzjonali — Rinviju — Inammissibbiltà manifesta tat-talba għal deċiżjoni preliminari)

(2008/C 209/21)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Superior de Justicia de Canarias

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Club Náutico de Gran Canaria

Konvenuta: Comunidad Autónoma de Canarias

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunal Superior de Justicia de Canarias — Interpretazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża C-124/96 li kkonstatat l-inkompatibbiltà ma' l-Artikolu 13A(1)(m) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1) ta' leġislazzjoni nazzjonali li tipprovdi restrizzjonijiet għall-eżenzjoni mill-VAT ta' ċerti provvisti ta' servizzi li għandhom rabta stretta mal-prattika ta' l-isport jew ta' l-edukazzjoni fiżika — Applikazzjoni għall-Gżejjer Kanarji

Dispożittiv

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Canarias, permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Novembru 2006, hija inammissibbli.

(¹) ĠU C 129, 9.6.2007.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-11 ta' April 2008 — Focus Magazin Verlag GmbH vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

(Kawża C-344/07 P) (¹)

(Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 40/94 — Artikolu 8(1)(b) — Probabbiltà ta' konfużjoni — Sinjal verbali "FOCUS")

(2008/C 209/22)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Focus Magazin Verlag GmbH (rappreżentanti: M. Herrmann u B. Müller, Rechtsanwälte)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent) Merant GmbH (rappreżentant: A. Schultz, Rechtsanwalt)